**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 14

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 14 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali kif ukoll permezz ta' ZOOM nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
14.5 Rapporti;
14.6 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-Evalwaturi dwar Tender for the Embellishment of Ġnien Dama Cecilia Pick (Ġnien tal-Warda) at Qrendi;
14.7 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
14.8 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
14.9 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
14.10 Il-Proġett Slow Streets;
14.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-14-il Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2020 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

*Importanti ninnutaw li għal din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon biss kienu fiżikament preżenti fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Patrick Bugeja, flimkien mal-Kunsillieri Marion Parnis, Charles Zerafa u Daniel Farrugia, u l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri ħadu sehem fil-laqgħa permezz ta' video conferencing. Dan sar minħabba l-pandemija tal-Covid-19 li ħakmet lil Malta u lid-dinja fl-aħħar xhur.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.1 **<u>QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA</u>**

14.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija x'tinqara.

14.2 **<u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>**

14.2.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis xtaqet tiċċara li f'Minuta 13.10, il-kwotazzjonijiet kienu waslu prattikament kollha.

14.2.2 Il-Minuti tat-13-il Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

14.2.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis ssekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 14.3, 14.4 u 14.5 jiġu diskussi wara Minuta 14.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

14.6 **<u>APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-EVALWATURI DWAR TENDER FOR THE EMBELLISHMENT OF ĠNIEN DAMA CECILIA PICK (ĠNIEN TAL-WARDA) AT QRENDI</u>**

14.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Bord t'Evalwazzjoni bagħat ir-rapport tiegħu dwar dan it-tender.

14.6.2 Semma' kif b'kollox kien hemm tmien offerti kif ġej:

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Catbros Ltd;
Gokker Ltd;
Roswell Ellul;
Alistair Bezzina;
George Vella;
Edilmair Ltd;
Road Maintenance Services Ltd;
LBA Ltd.

14.6.3 Spjega kif skont ir-rapport t'evalwazzjoni mill-Bord, ir-rakkomandazzjoni hi li t-tender jingħata lill-irħas offerent minħabba li huwa eliġibbli u teknikament għandu r-rekwiżiti kollha sabiex jaħdem.

14.6.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ppropona li r-Rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni għandu jiġi aċċettat u approvat.

14.6.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 14.7 <u>**AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**</u>

14.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi sewwa avolja miexi bil-mod.

14.7.2 Spjega li l-ħaddiema Taljani sfortunatament għadhom ma rritornawx lura Malta u probabbli jagħmlu dan ġaladarba jiftaħ l-ajruport u l-port ta' pajjiżna.

14.7.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-laqgħa li saret mar-rappreżentanti tas-Saħħa tal-Kura Primarja.

14.7.4 Qal li dawn qed jaraw l-area tagħhom fil-binja taċ-Ċentru Ċiviku bħala żgħira ħafna li tillimita l-ħidma tagħhom. Għaldaqstant bdejna nfittxu jekk hemmx xi lok ieħor fejn jista' jinbena Ċentru tas-Saħħa għal-lokalità tagħna.

14.7.5 Spjega kif il-Kunsill Lokali ppropona ċertu lokazzjonijiet li jew diġà

jinsabu mibnija jew inkella jridu jinxtraw mill-Gvern Ċentrali sabiex jinbena Ċentru tas-Saħħa.

14.7.6 Fisser kif ir-rappreżentanti tas-Saħħa tal-Kurja Primarja donnhom m'għoġbithom l-ebda proposta tagħna u allura fil-preżent ninsabu fid-dlam dwar x'ser jiġri eżattament mill-Berġa tal-lokal.

14.7.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk jistgħux jużaw il-binja tal-Kunsill Lokali ġaladarba niċċaqilqu aħna.

14.7.8 Is-Sindku qal li din hija proposta tajba u ta' min jikkunsidraha u ser inkunu qed ngħadduha bħala suġġeriment.

## 14.8 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

14.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-aħħar laqgħa ftit kien hemm żviluppi dwar dan il-proġett.

14.8.2 Qal li rċevejna ittra mill-Qorti sabiex inneħħu l-ħajt li kien diġà ttella', u dan tneħħa fil-jiem li għaddew.

14.8.3 Barra minn hekk qed insibu problema sabiex ikollna ġebel tajjeb għall-ħitan tas-sejjieħ u dan irrimarkatu s-Sovvratindenza tal-Wirt Kulturali.

## 14.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

14.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-cat traps inxtraw u waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

14.9.2 Qal li għandna l-kwotazzjonijiet tan-neutering, u dwar dan ser inkunu qed immexxu fil-jiem li ġejjin.

14.9.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li rridu nidħlu fi ftehim mal-veterinarji sabiex naraw kif ser naħdmu bis-sistema tal-vouchers.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 14.10 IL-PROĠETT SLOW STREETS

14.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li minħabba l-pandemija tal-Covid-19 seħħew ċertu bidliet f'pajjiżna u l-Gvern jixtieq li ċ-ċentru ta' kull lokalità kull nhar ta' Ħadd ikun riservat għan-nies.

14.10.2 Dan ifisser li ċ-ċentri tal-irħula ma jkunux jistgħu jgħaddu karozzi minnhom kull nhar ta' Ħadd, imma għalkemm bħala proposta tidher sabiħa ħafna mhijiex daqstant faċli fil-prattika.

14.10.3 Qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali diġà ressqet proposta lir-Reġjuni sabiex isir studju dwar kif dan jista' jsir li jidher li ser jiġi jiswa €3,000 għal kull lokalità.

14.10.4 Spjega kif ir-Reġjun tan-Nofsinhar ser ikun qed jagħti €5,000 lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu biex mhux biss jitħallas ir-rapport, imma jkun hemm mal-€2,000 li jkunu jistgħu jintużaw għat-tisbiħ taċ-ċentru tal-lokal.

14.10.5 Fisser ukoll li bħala Kunsill Lokali messna naħsbu dwar mixjiet interessanti madwar il-lokal, forsi aktar milli nagħlqu ċ-ċentru tal-lokal kull nhar ta' Ħadd.

14.10.6 Żied li għalkemm fil-festi l-pjazez tal-lokalità jingħalqu, dan jista' jwassal għal problemi jekk kemm-il darba jingħalqu kull nhar ta' Ħadd.

14.10.7 Is-Sindku qal ukoll li tista' tingħadda l-proposta li l-bus terminus tal-Qrendi jitneħħa.

14.10.8 Mid-diskussjoni li segwiet kien hemm Kunsillieri li ma qablux ma' din il-proposta u kien propost li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħat li ġejjin.

14.10.9 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk hux ser ikun hemm ċiklisti u nies li jimxu flimkien, għaliex dawn xorta jistgħu jkunu ta' periklu jekk jiltaqgħu f'daqqa minħabba li ċ-ċiklisti mhux ser joqgħodu jgħaddu minn ġon-nies li jkunu qed jimxu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.10.10 Ser inkunu qed nibagħtu l-agreement iffirmat, imma ser inżommu l-punt li l-kelma finali tkun tal-Kunsill Lokali.

## 14.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

14.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fi Triq il-Muddejn miexi x-xogħol tal-għoti ta' tarmak ġdid, imma hemm ċertu kontroversji dwar ir-riżultat finali.

14.3.1.1 Qal li din it-triq, ħafna minnha hija ta' 4 metri wisa', imma hemm partijiet fejn it-triq titwessa' għal 7 metri u anke għal 8 metri. Ġara li minħabba li qegħdin jingħataw 4 metri biss, hemm partijiet tat-triq li huma kompletament bit-tarmak, filwaqt li partijiet oħrajn għandhom biss it-tarmak fin-nofs.

14.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Triq Rokku Buhagiar u qal li issa l-art ċediet f'minn tal-inqas sitt postijiet differenti.

14.3.2.1 Fisser kif ma' kull xahar li jgħaddi qed tiżdied il-ħsara, u avolja t-triq ġiet imraqqa' diversi drabi, darba wara l-oħra reġa' niżel kollox.

14.3.2.2 Spjega li kien hemm problema fis-sede tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija għaliex kien qed jidħol ħafna ilma fil-basement, u sa ftit tal-ġimgħat ilu kien għad mhemmx konferma jekk l-ilma li kien ġej mill-blat kienx ilma tax-xorb inkella kienx drenaġġ.

14.3.2.3 Qal li nqalgħu u nbidlu diversi servizzi madwar il-pjazza u t-toroq tal-madwar u parti mill-problema ssolviet għas-sede tas-Soċjetà imma xorta waħda għadu qed inixxi l-ilma bil-mod il-mod minn xi mkien ieħor.

14.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Ġwiewel, li tinsab kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq u kantuniera ma' Triq il-Fulija.

14.3.3.1 Qal li l-problema ilha li bdiet minn meta sid ta' barriera partikolari għalaq id-dħul tal-ilma tax-xita li kien jinżel fiha, u minn hemmhekk 'il quddiem it-triq bdiet iċċedi biċċa biċċa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.3.3.2 Spjega kif tkellimna mal-Perit tal-Kunsill Lokali kif ukoll mad-Direttorat tax-Xogħolijiet, u s'issa għad mhemm l-ebda soluzzjoni definittiva.

14.3.3.3 Żied li fil-viċinanzi hemm barriera oħra li forsi l-ilma jista' jiskula fiha, imma s'issa għad m'għandna xejn ikkonfermat.

14.3.3.4 Mistoqsi mill-Kunsillier Charles Zerafa jekk ikolliex titħaffer xi ħofra bħala soak away, is-Sindku wieġeb li fil-mument għadu mhuwiex ċert x'ser jagħmlu għax għadhom qed jikkonsultaw kif ser tiġi akkwistata l-art.

14.3.4 Is-Sindku tkellem dwar open gym fil-Ġnien tal-Warda.

14.3.4.1 Qal li dan m'għandux x'jaqsam mat-tender li għadu kif ġie aġġudikat fil-Minuti ta' din l-istess laqgħa.

14.3.4.2 Spjega kif saret DNO għand l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jagħtuna l-permess li jsir ċertu equipment għat-taħriġ.

14.3.4.3 Fisser kif suppost kollox għandu jitlesta sal-aħħar ta' Lulju imma bħalissa għadna qed nistennew il-permessi meħtieġa.

14.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li fil-jiem li ġejjin ser ikompli t-tisbiħ ta' din iż-żona.

14.3.5.1 Qal li qed naħdmu ħafna mill-viċin mal-Awtorità għat-Turiżmu, fejn anke f'Wied iż-Żurrieq ser ikun hemm playing field żgħira.

14.3.5.2 Spjega kif tkellimna wkoll mal-Bird Life dwar id-dawl li hemm f'Wied iż-Żurrieq, u qed naħsbu fuq kif jistgħu jinbidlu ċertu bozoz.

14.3.5.3 Tkellem ukoll dwar l-ilma tad-drenaġġ li qed jispiċċa fuq 'Ġebla Tiċċaqlaq.'

14.3.5.4 Qal li din il-problema għadna ma solvejnihiex, u għalkemm għamilna r-rapporti li kellna nagħmlu, s'issa jidher li għadha ma nstabitx soluzzjoni minn fejn ġej dan l-ilma tad-drenaġġ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.3.5.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar pjattaforma li qed issir f'Wied iż-Żurrieq u li jidher li din qed issir illegali.

14.3.5.6 Issuġġeriet li din għandna naqbdu u nneħħuha, b'mod speċjali jekk din saret illegalment.

14.3.5.7 Is-Sindku rrakkomanda li navżaw lill-awtoritajiet konċernati sabiex din taqbad u titneħħa.

14.3.6 Is-Sindku tkellem dwar cameras li saru mal-bring-in sites ta' Triq iż-Żgħożija u Triq it-Tempesta.

14.3.6.1 Qal li diġà bdew jinqabdu xi persuni li ramew l-iskart tagħhom maġenb il-bring-in site.

14.3.6.2 Semma' kif il-filmati qed jingħaddu lill-pulizija u lill-awtoritajiet għall-azzjoni min-naħa tagħhom.

14.3.6.3 Barra minn hekk ser jiżdiedu aktar cameras fi Triq il-Biżantini u Triq l-Imqabba.

14.3.7 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċimiterju tal-Qrendi u qal li l-Amministratur Parrokjali talab l-għajnuna tal-Kunsill Lokali minħabba skip.

14.3.7.1 Qal li diġà bdejna nitolbu l-kwotazzjonijiet u kemm f'Jum l-Omm u anke f'Jum il-Missier ippruvajna ngħinu billi tpoġġew tankijiet sabiex jintrema l-iskart ġo fihom.

14.3.7.2 Fisser kif il-ħsieb hu li jsiru żewġ jew tliet skips tar-roti, biss għandna ftit tal-problema għaliex iċ-ċimiterju ma kienx mibni bil-ħsieb tal-iskips.

14.3.7.3 Qal li hemm ħafna turġien, kif ukoll hemm żoni li minnhom ma jgħaddux.

14.3.7.4 Fisser kif dawn l-iskip on wheels ser jiġu jiswew mas-€600 il-waħda, u xorta waħda tista' tkun problema meta jiġu żvujtjati għaliex jista' jkun li l-kollettur ma jkunx jista' jaqbadhom sew.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.3.7.5 Qal li bħala Kunsill Lokali ma nistgħux naħsbu biss fuq ix-xiri ta' dawn l-iskips, imma rridu nsibu l-kollettur li jnaddafhom kultant żmien.

14.3.7.6 Il-Kunsillier Marion Parnis qalet li jekk isiru aktar minn skip wieħed, forsi wieħed ikun jista' jissepara, għaliex il-fjuri waħedhom huma skart organiku, filwaqt li jkollok ix-xemgħat u affarijiet oħra li jistgħu jkunu tal-plastik.

14.3.7.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li huwa possibbli li jsiru tliet skips fiċ-ċimiterju, u mbilli jsiru mill-kbar xorta waħda jistgħu jkunu intiżi li fihom jintrema skart partikolari.

14.3.7.8 Il-Kunsilliera Parnis qalet li taqbel li jsiru imma jridu jkunu għal skart separat.

14.3.7.9 Wara diskussjoni l-Kunsilli Lokali qabel li jsiru tliet skips, waħda għall-organiku, oħra għall-plastik, kif ukoll oħra għal skart imħallat.

14.3.7.10 Il-Kunsillier Zerafa staqsa x'ser jiġri dwar it-tbattil tal-iskips, u xtaq ikun jaf min ser iħallas għat-tbattil tal-iskips.

14.3.7.11 Qal li rridu noqgħodu attenti li ma noħolqux preċedent għax fil-futur jistgħu jiġu għaqdiet oħra li jkunu jridu xi ħaġa simili u jkunu jixtiequ li nbattlulhom l-iskips bla ħlas.

14.3.7.12 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li b'xejn ma jistax ikun u wieħed ta' min jiddiskutiha mal-Amministratur Parrokjali.

14.3.7.13 Il-Kunsill Lokali qabel li joffri s-servizz tat-tbattil erba' darbiet fis-sena, imbagħad jekk ikun hemm bżonn jitbattlu aktar ta' spiss, il-ħlas irid isir mill-Knisja Parrokjali.

14.3.7.14 Is-Sindku tkellem dwar il-Kappella taċ-Ċimiterju u qal li illum għandha bżonn dawra biż-żebgħa, kif ukoll irid jiġi rranġat xi ftit is-saqaf minħabba li qed jidħol l-ilma meta tagħmel ix-xita.

14.3.7.15 Il-Kunsill Lokali qabel li jintbagħat ħaddiem minn tal-Kunsill Lokali sabiex jieħu ħsieb iż-żebgħa tal-Kappella, kif ukoll li forsi jagħti tidwira minn barra sabiex jingħalqu ċertu fili.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.3.8 Is-Sindku tkellem dwar l-isleeping policemen u qal li qed ikollna xi problemi dwar dawn.

14.3.8.1 Spjega kif l-isleeping policeman proposta għal Triq San Mattew bħalissa tinsab quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni.

14.3.8.2 Biss fiehem kif lanqas kienu n-nies tat-triq kollha li ffirmaw il-petizzjoni li kienet intbagħtet lill-Kunsill Lokali u s'issa qed nistennew lil Transport Malta sabiex jagħtuna l-parir tagħhom.

14.3.8.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li fi Triq San Mattew tista' ssir central strip simili għal dik li hemm wara l-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja sabiex il-karozzi, b'mod speċjali l-karozzi tal-linja, inaqqsu l-veloċità tagħhom.

14.3.8.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li jekk ser issir sleeping policeman fi Triq il-Panorama, għandha ssir fejn tidjieq it-triq minn fejn jgħaddu jimxu n-nies.

14.3.8.5 Is-Sindku qal li hu qed jipproponi li jsiru ħames sleeping policemen matul it-triq kollha u mhux waħda.

14.3.9 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 3 tal-GAL Xlokk u qal li din ġiet aċċettata.

14.3.9.1 Spjega kif wasalna biex niffirmaw il-kuntratt u nkunu nistgħu nibdew bil-ħidma tagħna fl-oqsma li konna ssottomettejna.

14.3.10 Dwar l-e-mail mibgħuta mis-Soċjetà Mużikali Santa Marija dwar imwejjed u siġġijiet fil-lay-by quddiem is-sede tal-istess Soċjetà, is-Sindku qal li din it-talba tfisser li ser jintilfu erba' parkeġġi, imma min-naħa l-oħra ser ikun hemm spazju ta' rilassament u l-parkeġġi jistgħu jsiru fi bnadi oħra.

14.3.10.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li jekk isiru dawn jistgħu jkunu ta' periklu minħabba l-karozzi li jkunu telgħin u neżlin minn Triq Rokku Buhagiar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.3.10.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis ukoll qalet li wieħed irid joqgħod attent mill-periklu li jista' jinħoloq.

14.3.10.3 Is-Sindku wieġeb li fl-aħħar mill-aħħar dan ma jridx jinħareġ permess biss min-naħa tagħna, imma hemm entitajiet oħra li jridu jagħtu l-permess tagħhom.

14.3.10.4 Il-Viċi Sindku qal li rridu nibagħtulhom lura u nistaqsu jekk il-bistro tables hux ser isiru xorta waħda, u dawn meta ser jintramaw u l-ħinijiet.

14.3.10.5 Is-Sindku qal li finalment il-Kunsill Lokali jagħti biss in-no objection, xejn aktar.

14.3.11 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Lourdes.

14.3.11.1 Qal li s-Soċjetà qiegħda tistaqsi għal permess sabiex tingħalaq parti mill-bankina fi Triq il-Parroċċa kif ukoll jitpoġġa skip f'wieħed mill-parkeġġi sabiex jiġi mnaddaf xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li d-dħul tiegħu huwa mis-sede tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes.

14.3.11.2 Spjega li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsiru dawn ix-xogħolijiet u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

14.3.11.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 14.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

14.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar Triq Antonio Chircop, fejn hemm l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes. Qal li fil-pots mhemmx qsari u dawn jinsabu mimlija skart.

14.4.1.1 Ippropona li jinxtraw qsari li jkunu joqgħodu eżatt ġo fihom, u jiġu mnaddfa mill-iskart.

14.4.1.2 Is-Sindku wieġeb li dan huwa fatt, u rridu nieħdu ħsieb din iż-żona wkoll, u nagħmlu ftit tisbiħ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

14.4.2 Il-Viċi Sindku Bugeja staqsa dwar iż-żona ta' Wied iż-Żurrieq u jekk jistgħux jinbidlu ċertu sinjali tat-traffiku li ċċaraw ħafna u m'għadhomx jidhru sew.

14.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li t-tabelli qed jiġu rranġati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

14.4.3 Il-Viċi Sindku Bugeja qal li qed jifhem li din ser tkun l-aħħar laqgħa biz-Zoom għaliex mix-xahar li ġej nerġgħu nibdew niltaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

14.4.3.1 Qal li tkun ideali li mhux biss tkun streamed live, imma titħalla on demand.

14.4.3.2 Il-Kunsillieri qablu mal-proposta

14.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar l-avviż li tkun ser issir il-laqgħa u li l-Aġenda tittella' fuq FB.

14.4.5 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar l-ikel li jrid jibda jingħata lill-cat feeders u jekk nistgħux nibdew naħdmu fuqha.

14.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li iva, nistgħu nibdew inmexxu fuqha, imma ħassu ddiżappuntat li d-Direttur ma tkellimx ma' kulħadd l-istess.

14.4.5.2 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar il-cat shelters u qalet li fil-kuntratt jinsabu mniżżla u allura rridu nieħdu ħsiebhom ukoll.

14.4.5.3 Qalet li għandha proponiment li l-ewwel cat shelter jista' jsir f'Wied iż-Żurrieq u dan isir bi ħsieb, u jista' jkun pjan ta' tisbiħ f'din iż-żona.

14.4.6 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar il-persuni ta' sigurtà u superviżjoni f'Wied iż-Żurrieq.

14.4.6.1 Qalet li biex ikunu aktar siguri għandhom bżonn post aktar speċifiku, spazju aħjar fejn iżommu l-affarijiet tagħhom.

14.4.6.2 Is-Sindku wieġeb li diġà qiegħed isir hekk, u kamra minnhom qed

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tintuża' mill-kuntrattur tal-Public Conveniences, filwaqt li kamra oħra ngħatat totalment lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

14.4.7 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar Triq it-Tempesta u z-zebra crossing f'din it-triq.

14.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li dawn ser isiru ġaladarba titlesta' t-triq.

14.4.8 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar is-sinjali tat-traffiku, għax hemm diversi minnhom li qed jibjadu.

14.4.8.1 Is-Sindku wieġeb li dawn ser jinbidlu fil-ġimgħat li ġejjin.

## 14.5 RAPPORTI

14.5.1 L-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri tkellem dwar l-avveniment tal-eSports u qal li kellu laqgħa ma' waħda mill-aqwa kumpaniji tal-gaming f'pajjiżna.

14.5.1.1 Qal li bħala tournament jista' jsir u l-apparat jista' jingħata b'xejn, imma jkun hemm xi persuni terzi li jistgħu jitħallsu.

14.5.1.2 Qal li bħala tim tal-Esports jista' jsir speċi ta' partnership.

14.5.2 L-Ambaxxatur Camilleri tkellem dwar 7-a side jew 5-a side tournament tal-futbol fil-grawnd ta' Qrendi FC.

14.5.3 L-Ambaxxatur Camilleri tkellem dwar il-videos li tkellem fuqhom ukoll fil-laqgħa li għaddiet.

14.5.3.1 Qal li kull persuna tkun f'post differenti, sabiex jidher il-Qrendi kollu.

## 14.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

14.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €36,028.01 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/20 u €75.81 skont il-*Petty Cash* Ref

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

X/05.

14.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

14.11.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

14.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 14.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 ta' Lulju fl-4pm.

14.12.2 Is-Sindku David Schembri ppropona l-ħin ta' din il-laqgħa u kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

14.12.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

______________________ ______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**